MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM’AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta’ Marzu, 2023

Rikors Kostituzzjonali Numru 233/2019LM

**Yorgen Fenech**

***vs.***

**Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Ġenerali, Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u Spettur Keith Arnaud[1] għal kull interess li jista’ jkollu, u b’digriet tal-14 ta’ Jannar, 2020 l-Avukat Ġenerali ġie sostitwit mill-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-rikors ippreżentat fid-29 ta’ Novembru, 2019 mir-rikorrent **Yorgen Fenech** (K.I. nru. 36482(M)) [minn issa ‘ir-rikorrent’] li jgħid kif ġej:

   1. *Illi l-esponenti preżentement huwa persuna investigata b'rabta mal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia li seħħ nhar is-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017);*

[1] Illum Supretendent.

2. *Illi l-investigazzjoni rigwardanti dan l-omiċidju qed titmexxa minn l-intimat Spettur Keith Arnaud, flimkien mal-intimat l-ieħor Kummissarju tal-Pulizija u Uffiċjali oħra fi ħdan il-Korp tal-Pulizija;*

3. *Illi r-rikorrent, b'mod informali, għadda informazzjoni lill-Pulizija, liema informazzjoni hija inkriminanti fil-konfronti ta' Keith Schembri, l-*ex Chief of Staff *fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru ta' Malta;*

4. *Illi r-rikorrent jħoss illi ma jkunx ġust u ekwu illi l-intimat Keith Arnaud, jibqa' jmexxi din l-investigazzjoni, u dan għar-raġunijiet segwenti;*

5. *Illi fl-ewwel lok l-esponenti għandu nformazzjoni, skont ma qallu Keith Schembri stess, illi l-Ispettur Keith Arnaud, li qed jinvestiga, talab l-għajnuna tal-istess Keith Schembri, l-persuna li huwa implika, biex martu tingħata impjieg, u filfatt l-istess martu effettivament ingħatat impjieg ma' Infrastructure Malta, f'Jannar tas-sena kurrenti elfejn u dsatax (2019), u dan fuq struzzjonijiet diretti tas-Sur Schembri stess u dan dejjem skont kif Keith Schembri stqarr mar-rikorrent;*

6. *Illi inoltre l-Ispettur Arnaud, kien kontinwament jgħaddi lil Keith Schembri informazzjoni dwar il-progress tal-investigazzjoni tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia u dan skont mal-istess Schembri, kien personalment jgħid lir-rikorrent;*

7. *Illi prova ta' dan, tirriżulta ġa mir-*recordings *li għandhom fil-pussess tagħhom il-Pulizija, liema* recordings *jikkonsistu f'konverżazzjoni rekordjata bejn l-esponenti u Melvin Theuma, liema nformazzjoni r-rikorrent kien ġab mingħand Keith Schembri, li da parti tiegħu kien spjegalu li dik l-informazzjoni ġabha mingħand Keith Arnaud;*

8. *Illi Keith Schembri kien ingħata wkoll nformazzjoni dettaljata dwar l-arrest tal-aħwa Degiorgio u ta' Vincent Muscat, liema nformazzjoni l-istess Schembri kien għadda lil-esponenti, u nfurmah illi kien l-intimat Keith Arnaud li qallu;*

9. *Illi l-istess Ufficjal Investigattiv l-intimat Keith Arnaud, fid-daħla tal-*lock up, *saħansitra avviċina lil esponenti, u qallu sabiex jaġixxi ta' persuna responsabbli fil-mod kif jimplika lil persuni oħra possibilment nvoluti f'dan il-każ u illi b'risposta għal dan, l-esponenti staqsieh jekk kienx qed jirreferi għal Keith Schembri, u l-istess Spettur intimat ikkonferma li kien qed jirreferi proprju għal Keith Schembri;*

10. *Illi inoltre l-intimat Spettur Arnaud naqas li jibgħat għal Keith Schembri u dan meta għal diversi jiem kellu fil-pussess tiegħu diversi provi, fosthom dokumenti u* recordings *li jagħmlu referenza ripetuta għal Keith Schembri u kien biss wara li l-esponenti għadda l-informazzjoni informali lill-Pulizija li imbagħad l-Ispettur Arnaud kien kostrett u ma setax jibqa' jevita li jibgħat għall-istess Keith Schembri;*

11. *Illi inoltre, l-istess Keith Schembri ġie arrestat diversi sigħat wara illi l-esponenti tkellem informalment mal-Pulizija u żvela l-informazzjoni dwaru u dwar l-involviment tiegħu fil-kaz, tant illi l-istess Keith Schembri allegatament, kif ġie*

*rrappurtat fil-mezzi tax-Xandir, kellu l-opportunità jaċċedi fir-residenza privata tal-Prim Ministru Joseph Muscat, qabel ma effettivament ġie mitkellem mill-Pulizija;*

12. *Illi di più, skont l-informazzjoni li għandu l-esponenti, anqas saret* search *fl-uffiċċju li Keith Schembri juża għal qadi ta' dmirijietu ġewwa Kastilja;*
13. *Illi l-esponenti saħansitra għamel talba mal-intimat Kummissarju tal-Pulizija, sabiex l-Spettur Keith Arnaud jitneħħa minn fuq dan il-każ, iżda din ġiet miċħuda;*
14. *Illi dan kollu qed jingħad ukoll fil-kuntest fejn l-istess Keith Schembri għamel sforzi konsiderevoli sabiex jimmina, jikkondizjona u jbagħbas ma' dawn l-investigazzjonijiet b'tentattvi ddisprati sabiex huwa ma jiġiex implikat f'din l-investigazzjoni u ma tinkixifx il-verità, tant li dan kollu qed jiġi preżentement investigat mill-Pulizija;*
15. *Illi b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali datata ħamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), minn din l-investigazzjoni, il-Qorti diġà ddeċidiet li jitneħħa Uffiċjal Investigattiv d-Deputat Kummissarju Silvio Valletta u dan minħabba raġunijiet anqas serji minn dawn odjerni;*
16. *Illi l-esponenti lest li jikkonferma dan kollu taħt ġurament;*
17. *Illi fl-umli fehma tal-esponenti, dan kollu jikkostitwixxi kunflitt serju ta' interess, u jledi wkoll d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq;*
18. *Illi għalhekk hemm leżjoni tal-Artikoli 2 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u kif ukoll tal-Artikoli 33 u 39 tal-Kostituzzjonali ta' Malta;*

*Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joġgħobha:*

i. *TIDDIKJARA li l-involviment tal-intimat Spettur Keith Arnaud fl-investigazzjoni in kwistjoni, tilledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni għandha tgawdi, u konsegwentement tammonta għal vjolazzjoni;*
ii. *TIDDIKJARA għalhekk illi n-nuqqasijiet fuq esposti jammontaw għal ksur tad-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit fl-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni kif inkorporat fil-Kap 319;*
iii. *TORDNA li l-intimat Spettur Keith Arnaud m'għandu bl-ebda mod jipparteċipa fl-investigazzjoni in diżamina;*
iv. *TORDNA li kull att u deċiżjoni ġia meħuda fl-istess investigazzjoni tiġi riveduta minn min jissostitwixxi lill-istess Spettur Keith Arnaud;*
v. *TAGĦTI dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa;*

*Bl-ispejjeż.*

2. Rat ir-risposta ppreżentata fit-2 ta' Diċembru, 2019 mill-intimati **Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali, il-Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali** u **l-Ispettur Keith Arnaud**, [minn issa 'il quddiem 'l-intimati'], fejn ġie eċċepit is-segwenti:

> *"Illi l-lanjanza tar-rikorrent hija fis-sens illi "l-involviment tal-intimat Spettur Keith Arnaud fl-investigazzjoni in kwistjoni, tledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni għandha tgawdi, u konsegwentement tammonta għal vjolazzjoni". Illi fit-talbiet ir-rikorrent jallega ksur tad-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea anke jekk fil-premessi ssir riferenza għall-vjolazzjoni tal-Artikoli 2 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u għall-Artikoli 33 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Illi bħala rimedju ir-rikorrent qiegħed jitlob dikjarazzjoni ta' leżjoni, kif ukoll li l-Ispettur Arnaud ma jipparteċipax fl-investigazzjoni u kull deċiżjoni li diġà ttieħdet f'dina l-investigazzjoni mill-Ispettur Arnaud tiġi riveduta minn min jissostitwixxi lill-Ispettur Arnaud.*
>
> *L-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*
>
> 1. *Illi in linea preliminari, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta'* locus standi *tal-Avukat Ġenerali, tal-Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u tal-Ispettur Keith Arnaud fil-vesti tiegħu personali peress li l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda investigazzjoni tal-Pulizija bil-konsegwenza li dawn l-imħarrkin għandhom jiġu dikjarati bħala tali u liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*
> 2. *Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu l-azzjoni odjerna hija mibnija fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali garantiti bil-Konvenzjoni, ir-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali stante illi qiegħed jadopera proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna meta kellu a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretiżi minnu. Illi r-rikorrent kellu kull possibilità li jekk fil-fehma tiegħu għandu informazzjoni li tippunta lejn twettiq ta' reat minn xi persuna partikolari huwa għandu l-possibilità li jagħmel rapport speċifiku lill-Pulizija dwar dan u anke li jadopera l-proċedura taċ-*'challenge' *kif provdut bl-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali dwar dan fil-każ illi l-Pulizija ma taqbilx li jistgħu jittieħdu passi. L-esponenti għalhekk jeċepixxu n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrent u l-esponenti jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni konvenzjonali tagħha* ai termini *tal-proviso għall-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u, okkorrendo, tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;*

3. *Illi stante li r-rikorrent illum tressaq quddiem il-qorti u l-istadju tal-investigazzjoni intemm, il-meritu ta' din il-kawża huwa illum ezawrit u jekk għandu xi lanjanza dwar allegat difett fl-investigazzjoni r-rikorrent jista' jressaqha quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni penali li qegħda tisma' l-każ tiegħu;*

4. *Illi fil-mertu, in kwantu r-rikorrent jista' jidher li qiegħed jakkampa pretensjoni taħt l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea (li jissemma fil-premessi tar-rikors biss iżda mhux fit-talba) l-esponent jirrileva illi dan l-artikolu ma jagħmilx għall-każ odjern stante li l-kwistjoni li qed iqanqal r-rikorrent permezz ta' din il-kawża mhijiex waħda fejn tista' tinkwadra xi pretensjoni ta' leżjoni ta' dritt għall-ħajja iżda se mai l-azzjoni hija waħda dwar pretensjoni li tirrigwarda l-indipendenza u t-tmexxija tal-investigazzjoni.*

5. *Illi fil-mertu in kwantu għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jibdew biex jissottomettu li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Illi dana l-artikolu jipprovdi wkoll li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi.*

   *Illi fir-rikors promotur r-rikorrent qiegħed jallega li l-investigazzjoni mhijiex waħda oġġettiva u imparzjali stante li skont ir-rikorrent l-investigatur ewlieni f'dan il-każ għandu ħbiberija ma' persuna li ġiet ukoll mitkellma mill-investigatur li dwarha allegatament ir-rikorrent ta informazzjoni lill-Ispettur. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent ma treġix u dan stante li l-investigazzjoni qiegħdha ssir sabiex jinġabru dawk il-provi kollha li abbażi taħhom il-persuni nvoluti fid-delitt jittellgħu quddiem il-qrati kriminali sabiex iwieġbu għal tali delitt iżda dak li jsir f'dan l-ambitu ma jistax jiġi mlibbes bħala allegat ksur ta' dritt għal smigħ xieraq.*

   *Illi inoltre, skont dak li jipprovdi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u kif provdut fl-insenjament kemm tal-Qrati nostrana kif ukoll tal-Qorti Ewropea allegazzjoni ta' nuqqas ta' dritt għal smigħ xieraq tirrikjedi li jsir eżami tal-proċedura lamentata fit-totalità tagħha u mhux li jsir iffukar fuq parti partikolari tal-proċeduri ad eskluzjoni tal-partijiet l-oħra. Illi l-liġi proċedurali nostrana taħseb għas-salvagwardji tal-garanziji kollha li jipprovdi għalihom l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u li għalhekk il-lament tar-rikorrent huwa għal kollox inġustifikat.*

   *Illi r-rikorrent qiegħed joġġezzjona illi fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija li qegħdin isiru fil-konfront tiegħu dwar l-omiċidju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia jipparteċipa l-Ispettur Arnaud u l-istess rikorrent jagħmel diversi allegazzjonijiet infondati dwar dina l-kwistjoni. L-esponenti jibdew billi jissottomettu illi r-rikorrent hija persuna suspettata li wettqet reat madanakollu ċertament li ma*

*hemm l-ebda dritt li persuna suspettata tagħżel hija minn għandu jinterrogaha jew li tostakola l-perkors tal-investigazzjoni sabiex tittenta taħrab milli twieġeb għall-għemil tagħha quddiem il-Qrati penali. Dan wisq iżjed meta llum l-interrogatorji tal-Pulizija huma rrekordjati u l-interrogat għandu d-dritt illi l-Avukat tiegħu ikun preżenti f'kull waqt tal-interrogatorju.*

*Huwa ċar li l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija tramite l-uffiċjali investigaturi tiegħu qegħdin jaħdmu bl-aktar mod metikoluż u professjonali sabiex min huwa responsabbli għad-delitt jitressaq quddiem il-Qrati penali. Madanakollu persuna suspettata ma tistax tittanta timmanipula l-investigazzjoni u tneħħi mill-investigazzjoni xi investigatur milli jkompli jwettaq xogħolu u dan wisq inqas jekk għal raġunijiet irrilevanti għall-investigazzjoni tal-każ partikolari bħal ma qed jittenta jagħmel ir-rikorrent fil-każ* de quo.

*Illi r-rikorrent jallega wkoll li l-Ispettur Arnaud qallu ċertu kliem fid-daħla tal-*lock up - *kliem li qiegħed jiġi miċħud bl-aktar mod kategoriku mill-esponenti. Dak li ntqal mill-Ispettur kien biss biex ir-rikorrent jgħid il-verità kollha kif l-stess spettur kellu kull dritt jitlob.*

*Illi r-rikorrent jallega wkoll li l-Ispettur Arnaud naqas milli jibgħat għal Keith Schembri minkejja li allegatament kellu f'idejh* recordings *li jagħmlu referenza għal Keith Schembri u li allegatament Keith Schembri ġie interrogat biss meta l-Ispettur Arnaud ma setax jagħmel mod ieħor. L-esponenti jissottomettu li l-kompitu tal-Pulizija huwa li tinterroga u tistħarreġ sabiex tasal għall-verità. Illi kull persuna li deherilha li kienet ta' interess jew li kienet suspettata fit-twettiq tal-għemil doluż ġiet interrogata. Dan madanakollu ma jfissirx li l-Pulizija ma tibqax tinvestiga. Fuq kollox hija l-Pulizija li għandha l-kompitu li tinvestiga u li għal dan il-għan torganizza u tippjana l-investigazzjonijiet tagħha. Ċertament li din ma hijiex materja li taqa' fil-ġurisdizzjoni ta' qorti munita b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali u li r-rikorrent ma għandu ebda jedd li jabbuża mill-proċedura kostituzzjonali u jipprova jimmanuvra sabiex itawwal u jimmanipula l-investigazzjoni tal-Pulizija sabiex jittenta jiżgiċċa milli jiġi investigat.*

*Illi fil-fehma tal-esponenti, ir-rikorrent ma għandu l-ebda dritt li jittenta jwaqqaf l-investigazzjoni fil-konfront tiegħu u dana stante li dak allegat mir-rikorrent huma biss perċezzjonijiet, konġetturi u allegazzjonijiet infondati da parti tar-rikorrent li ma jinstabux sorretti.*

*Illi l-fatt li l-Ispettur Arnaud huwa wieħed mill-ispetturi li qiegħed jinvestiga lir-rikorrent bl-ebda mod ma qiegħed jirreka xi preġudizzju fil-konfront tar-rikorrent u ta' dan l-istess rikorrent huwa konsapevoli stante li fost id-drittijiet li ngħatawlu, ngħatalu d-dritt tad-*disclosure *fejn ir-rikorrent ngħata aċċess għall-informazzjoni materjali li għandha dwaru l-Pulizija. Illi aktar minn hekk, ir-rikorrent fl-ebda parti tar-rikors in risposta ma juri kif huwa personalment*

*qiegħed jiġi preġudikat b'mod negattiv mill-fatt li l-Ispettur Arnaud qiegħed jipparteċipa fl-investigazzjoni iżda dak li qiegħed jallega r-rikorrent huwa dwar terza persuna (Keith Schembri) li skont ir-rikorrent kellha tiġi investigata qabel u li skont ir-rikorrent l-investigazzjoni kellha ssir b'mod differenti. Illi ċertament li dawn l-allegazzjonijiet ma jissarfux f'leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq iżda huma biss allegazzjonijiet li qiegħed jagħmel ir-rikorrent sabiex jittenta jostakola l-investigazzjoni in konfront tiegħu meta din kienet waslet tista' tgħid fl-aħħar.*

*Illi l-esponenti jissottomettu wkoll li minn imkien fir-rikors promotur ma nsibu li r-rikorrent qiegħed jallega xi nuqqas ta' imparzjalità u indipendenza suġġettiva da parti tal-Ispettur Arnaud iżda l-allegazzjonijiet fir-rikors promotur jikkonċernaw allegat nuqqas ta' imparzjalità u indipendenza oġġettiva. L-esponenti jissottomettu li l-kunċett ta' imparzjalità oġġettiva ma tiddependix fuq l-opinjoni ta' persuna suspettata: ċertament tali opinjoni mhijiex deċiżiva iżda dak li jrid jintwera huwa li d-dubju fuq l-imparzjalità jkun ġustifikat b'mod oġġettiv. Dan ifisser li huwa neċessarju li jkun hemm dubju leġittimu dwar l-imparzjalità oġġettiva f'dan il-każ ta' investigatur naxxenti minn fatti pruvati u mhux minn perċezzjoni suġġettiva tal-persuna suspettata li kull ilma taħsbu misħun.*

*Illi aktar minn hekk, jekk wieħed jifli ftit meta tqajmet dina l-kwistjoni da parti tar-rikorrent jirriżulta li minkejja li l-Ispettur Arnaud fil-vesti tiegħu ta' investigatur kien kellem lir-rikorrent erba' darbiet sal-mument li ġie ntavolat ir-rikors in risposta, ir-rikorrent ma kellu l-ebda problema b'dana l-investigatur fl-ewwel tlett istanzi iżda l-allegazzjoni tar-rikorrent qamet biss meta r-rikorrent kien infurmat li t-talba tiegħu għall-maħfra presidenzjali ma kinitx ġiet milqugħa. Dan juri l-animu veru tar-rikorrent wara l-intavolar ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali li ma huwa xejn ħlief abbuż tal-proċedura kostituzzjonali.*

6. *Illi jsegwi għalhekk li l-ebda dritt fondamentali, inklużi drittijiet garantiti mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma huwa mittiefes mill-mod kif qiegħdha tiġi kondotta l-investigazzjoni tad-delitt li għalih jirreferi r-rikors promotur bil-konsegwenza li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.*
7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*
8. *Bl-ispejjez."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati ppreżentata fil-15 ta' Lulju, 2020 u n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentata fil-5 ta' Ottubru, 2020.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Ottubru, 2022, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

3. Fir-rikors promotur, ir-rikorrent isemmi diversi raġunijiet għalfejn fil-fehma tiegħu ma jkunx ġust u ekwu illi l-intimat Spettur Keith Arnaud jibqa' jmexxi l-investigazzjoni tal-Pulizija dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Ir-rikorrent jallega *inter alia* li skont ma qallu Keith Schembri stess, l-Ispettur Keith Arnaud kien talab l-għajnuna ta' Keith Schembri, biex martu tingħata impjieg, u filfatt f'Jannar tal-2019 martu effettivament ingħatat impjieg ma' Infrastructure Malta, u dan fuq struzzjonijiet diretti ta' Keith Schembri stess. Ir-rikorrent jallega li l-Ispettur Arnaud kien kontinwament jgħaddi lil Keith Schembri informazzjoni dwar il-progress tal-investigazzjoni tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, u dan skont mal-istess Schembri kien personalment jgħid lir-rikorrent. Ir-rikorrent Yorgen Fenech jallega li prova ta' dan tirriżulta mir-*recordings* li għandhom fil-pussess tagħhom il-Pulizija, liema *recordings* jikkonsistu f'konversazzjonijiet irrekordjati bejn ir-rikorrent u Melvin Theuma, liema informazzjoni r-rikorrent jgħid li kien ġab mingħand Keith Schembri, li da parti tiegħu kien spjegalu li dik l-informazzjoni ġabha mingħand Keith Arnaud. Ir-rikorrent jallega wkoll illi Keith Schembri kien ingħata informazzjoni dettaljata

dwar l-arrest li kellu jsir tal-aħwa George u Alfred Degiorgio u Vincent Muscat, liema informazzjoni l-istess Schembri kien għadda lir-rikorrent, u nfurmah illi kien l-intimat Keith Arnaud li qallu b'dan. Ir-rikorrent jallega wkoll li l-intimat Keith Arnaud, fid-daħla tal-*lock up*, avviċina lir-rikorrent, u qallu sabiex jaġixxi ta' persuna responsabbli fil-mod kif jimplika lil persuni oħra possibilment involuti f'dan il-każ, u illi b'risposta għal dan, ir-rikorrent staqsieh jekk kienx qed jirreferi għal Keith Schembri, u l-istess Spettur Arnaud ikkonferma li kien qed jirreferi proprju għal Keith Schembri. Ir-rikorrent qal ukoll li skont l-informazzjoni li għandu, lanqas biss saret *search* fl-uffiċċju li Keith Schembri kellu ġewwa Kastilja. Ir-rikorrent jgħid li huwa saħansitra għamel talba mal-intimat Kummissarju tal-Pulizija sabiex l-Ispettur Keith Arnaud jitneħħa minn fuq dan il-każ, iżda din ġiet miċħuda. Ir-rikorrent jikkontendi li dakollu jikkostitwixxi kunflitt serju ta' interess, u jilledi wkoll d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq, bi ksur taI-Artikoli 2 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u kif ukoll tal-artikoli 33 u 39 tal-Kostituzzjonali ta' Malta. Ir-rikorrent isostni li l-involviment tal-intimat Spettur Keith Arnaud fl-investigazzjoni in kwistjoni, jilledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni għandha tgawdi.

4. Min-naħa tagħhom l-intimati jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent, u jsostnu li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt. L-intimati jikkontendu *inter alia* li r-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali stante illi qiegħed jadopera proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna, meta kellu a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretiżi minnu. L-intimati jikkontendu li jekk ir-rikorrent fil-fehma tiegħu, għandu informazzjoni li tippunta lejn twettiq ta' reat minn xi persuna partikolari, huwa għandu l-possibilità li jagħmel rapport speċifiku lill-

Pulizija dwar dan, u anke li jadopera l-proċedura taċ-*'challenge'* kif provdut bl-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali dwar dan fil-każ illi l-Pulizija ma taqbilx li jistgħu jittieħdu passi. L-intimati stiednu lil din il-Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni konvenzjonali tagħha *ai termini* tal-*proviso* għall-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u, okkorrendo, tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. L-intimati jgħidu wkoll li peress li r-rikorrent illum tressaq quddiem il-qorti u l-istadju tal-investigazzjoni intemm, il-meritu ta' din il-kawża illum huwa ezawrit, u jekk għandu xi lanjanza dwar allegat difett fl-investigazzjoni r-rikorrent, jista' jressaqha quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni penali li qegħda tisma' l-każ tiegħu. L-intimati jirrilevaw wkoll r-rikorrent huwa persuna suspettata li wettaq reat, madanakollu ċertament li m'hemm l-ebda dritt li persuna suspettata tagħżel hi minn għandu jinterrogaha, jew li tostakola l-perkors tal-investigazzjoni sabiex tittenta taħrab milli twieġeb għall-għemil tagħha quddiem il-Qrati penali. L-intimati jikkontendu li l-Kummissarju tal-Pulizija permezz tal-uffiċjali investigaturi tiegħu qegħdin jaħdmu bl-aktar mod metikoluż u professjonali sabiex min huwa responsabbli għall-qtil ta' Daphne Caruana Galizia jitressaq quddiem il-Qrati penali. Jgħidu ukoll li persuna suspettata ma tistax tittanta timmanipula l-investigazzjoni u tneħħi mill-investigazzjoni xi investigatur milli jkompli jwettaq xogħolu, u dan wisq inqas jekk għal raġunijiet irrilevanti għall-investigazzjoni tal-każ partikolari bħal ma qed jittenta jagħmel ir-rikorrent fil-każ de quo. Kwantu għal dak li ġie allegat mir-rikorrent li l-Ispettur Arnaud qallu ċertu kliem fid-daħla tal-*lock up*, kliem li ġie miċħud bl-aktar mod kategoriku mill-intimati, jgħidu li dak li ntqal mill-Ispettur kien biss biex ir-rikorrent jgħid il-verità kollha kif l-istess spettur kellu kull dritt li jitlob. L-intimati jgħidu li r-rikorrent ma għandu l-ebda dritt li jittenta jwaqqaf l-investigazzjoni fil-konfront tiegħu, u dana peress li dak allegat mir-rikorrent huma biss perċezzjonijiet, konġetturi u allegazzjonijiet infondati da

parti tar-rikorrent li ma jinstabux sorretti. L-intimati jgħidu li l-fatt li l-Ispettur Arnaud huwa wieħed mill-ispetturi li qiegħed jinvestiga lir-rikorrent bl-ebda mod ma qiegħed jirreka xi preġudizzju fil-konfront tar-rikorrent, u ta' dan l-istess rikorrent huwa konsapevoli stante li fost id-drittijiet li ngħatawlu, ngħatalu d-dritt tad-*disclosure* fejn ir-rikorrent ngħata aċċess għall-informazzjoni materjali li għandha dwaru l-Pulizija. L-intimati jirrilevaw li r-rikorrent fl-ebda parti tar-rikors in risposta ma juri kif huwa personalment qiegħed jiġi preġudikat b'mod negattiv mill-fatt li l-Ispettur Arnaud qiegħed jipparteċipa fl-investigazzjoni, iżda dak li qiegħed jallega r-rikorrent huwa dwar Keith Schembri, li skont ir-rikorrent kellu jiġi investigat qabel, u l-investigazzjoni kellha ssir b'mod differenti. L-intimati jgħidu illi ċertament dawn l-allegazzjonijiet ma jissarfux f'leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq, iżda huma biss allegazzjonijiet li qiegħed jagħmel ir-rikorrent sabiex jittenta jostakola l-investigazzjoni fil-konfront tiegħu meta din kienet waslet tista' tgħid fl-aħħar. L-intimati jissottomettu wkoll li minn imkien fir-rikors promotur ma nsibu li r-rikorrent qiegħed jallega xi nuqqas ta' imparzjalità u indipendenza soġġettiva da parti tal-Ispettur Arnaud, iżda l-allegazzjonijiet fir-rikors promotur jikkonċernaw allegat nuqqas ta' imparzjalità u indipendenza oġġettiva. L-intimati jissottomettu li l-kunċett ta' imparzjalità oġġettiva ma jiddependix fuq l-opinjoni ta' persuna suspettata, ċertament tali opinjoni mhijiex deċiżiva, iżda dak li jrid jintwera huwa li d-dubju fuq l-imparzjalità jkun ġustifikat b'mod oġġettiv. Dan ifisser li huwa neċessarju li jkun hemm dubju leġittimu dwar l-imparzjalità oġġettiva, f'dan il-każ ta' investigatur, naxxenti minn fatti ppruvati u mhux minn perċezzjoni soġġettiva tal-persuna suspettata li kull ilma taħsbu misħun. L-intimati jgħidu li aktar minn hekk, jekk wieħed jifli ftit meta tqajmet dina l-kwistjoni da parti tar-rikorrent, jirriżulta li minkejja li l-Ispettur Arnaud fil-vesti tiegħu ta' investigatur kien kellem lir-rikorrent erba' darbiet sal-mument

li ġie ntavolat ir-rikors in risposta, ir-rikorrent ma kellu l-ebda problema b'dana l-investigatur fl-ewwel tliet istanzi, iżda l-allegazzjoni tar-rikorrent qamet biss meta r-rikorrent kien infurmat li t-talba tiegħu għall-maħfra presidenzjali ma kinitx ġiet milqugħa. Jgħidu l-appellanti li dan juri l-animu veru tar-rikorrent wara l-intavolar ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali, li ma huwa xejn ħlief abbuż tal-proċedura kostituzzjonali.

**Konsiderazzjonijiet legali**

5. Il-Qorti tqis li dak li proprjament qiegħed jiġi lamentat mir-rikorrent permezz tal-proċeduri odjerni għar-rigward tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, huwa jekk l-Ispettur illum Supretendent Keith Arnaud bħala kap tal-iskwadra tal-omiċidji, huwiex f'pożizzjoni li jinvestiga dan il-każ b'mod seren, għaliex allegatament għandu konflitt ta' interess ċar peress li qed jiġi allegat mir-rikorrent li huwa għandu relazzjoni mill-qrib ma' Keith Schembri. Ir-rikorrent Yorgen Fenech isostni li l-investigazzjoni dwar dan l-omiċidju *"għandha tkun ekwa, mingħajr favuri, mingħajr mibiegħda u għandha tkun ugwali ma' kulħadd"*[2], u jallega li Keith Arnaud mhux f'pożizzjoni li jagħmel dan. Dak li qiegħed jilmenta minnu r-rikorrent Yorgen Fenech huwa msejjes fuq l-allegat nuqqas ta' integrità u imparzjalità tal-investigazzjoni kif kondotta mill-Ispettur Keith Arnaud. Ir-rikorrent isostni li l-involviment tal-intimat Spettur Keith Arnaud fl-investigazzjoni tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, jilledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni għandu jkollha. Ir-rikorrent jikkontendi li l-kunflitt serju ta' interess li allegatament għandu l-Ispettur Keith Arnaud fl-investigazzjoni in kwistjoni, jilledi wkoll d-drittijiet tiegħu għal smigħ

[2] Ara x-xhieda tar-rikorrent waqt l-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2019, *a fol*. 30 tal-proċess.

xieraq, bi ksur tal-Artikoli 2 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u kif ukoll tal-artikoli 33 u 39 tal-Kostituzzjonali ta' Malta. Min-naħa tagħhom l-intimati jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent kemm permezz ta' eċċezzjonijiet preliminari, u kemm għaliex fil-mertu jsostnu li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

*<u>L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati</u>*

6. Fl-ewwel lok il-Qorti ser teżamina l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimati dwar in-nuqqas ta' *locus standi* tal-Avukat Ġenerali, tal-Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u tal-Ispettur Keith Arnaud fil-vesti tiegħu personali, peress li l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda investigazzjoni tal-Pulizija, bil-konsegwenza li l-imsemmija intimati għandhom jiġu dikjarati bħala tali, u liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

7. Illi fi proċeduri kontra l-Gvern jew kontra l-Istat bħal ma huma dawn, biex wieħed jistabbilixxi eżattament liema entità pubblika tirrappreżenta lill-Istat fil-proċeduri partikolari, huwa meħtieġ li wieħed iħares lejn dak li qiegħed jiġi mitlub mir-rikorrent fir-rikors promotur. Dan għaliex il-kontradittorju huwa determinat fuq il-bażi tad-domanda kif din tkun ġiet proposta. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Louis De Bon et *vs.* Stefania Catania et**[3]:

> "Hu paċifiku fil-ġurisprudenza li għal fini ta' valutazzjoni tal-integrità tal-kontradittorju jrid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta."

8. Illi l-proċeduri odjerni jirrigwardaw ilment kostituzzjonali u konvenzjonali dwar allegati nuqqasijiet f'investigazzjoni partkolari tal-Pulizija. Legalment hija

[3] Q.A., 20.07.2020.

l-Pulizija Esekuttiva li għandha d-dmir skont il-liġi li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun għamlet ir-reat, u li ġġib il-ħatjin, kemm l-awturi kemm il-kompliċi, quddiem l-awtorità ġudizzjarja.[4] Huwa l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija li skont il-liġi huwa kkummissjonat sabiex imexxi u jiggwida l-Korp tal-Pulizija, kif ukoll jirregola l-ħatriet, id-dmirijiet u d-dixxiplina tal-Korp.[5] Bħala l-kap tal-Korp, l-intimat Kummissarju tal-Pulizija huwa responsabbli għall-investigazzjonijiet tal-Pulizija, u għalhekk huwa l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, billi hawnhekk japplika s-subinċiż (1) tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 u mhux is-subinċiż (2) tal-istess artikolu. Għalhekk l-intimat Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat, ġie mħarrek inutilment f'dawn il-proċeduri, u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. L-istess jista' jingħad fir-rigward tal-intimat Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, li fil-konfront tiegħu r-rikorrent m'għamel l-ebda allegazzjoni ta' indħil fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija, u għalhekk ukoll mhux leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni, u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

9. Fir-rigward tal-intimat l-Ispettur illum Supretendent Keith Arnaud, tajjeb li jiġi rrilevat li l-istess rikorrent ħarrku bħala intimat f'dawn il-proċeduri 'għal kull interess li jista' jkollu'. Fi proċeduri ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali, huwa l-Istat jew il-Gvern li għandu jwieġeb, u l-ebda individwu fil-kapaċità personali tiegħu. Madanakollu l-Qorti tqis li l-fatt li r-rikorrent ħarrek bħala intimat f'dawn il-proċeduri lill-Ispettur Keith Arnaud 'għal kull interess li jista' jkollu', jekk xejn sewa sabiex dan ikun jista' jiddefendi ruħhu direttament mill-allegazzjonijiet li saru kontra tiegħu mir-rikorrent. Imma għall-mod kif ġew kondotti l-investigazzjonijiet tal-Pulizija fil-każ mertu ta' din il-

[4] Ara l-artikolu 346(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] Ara l-artikolu 6(1) tal-Att dwar il-Pulizija, il-Kap. 164 tal-Liġijiet ta' Malta.

kawża, anki mill-istess Spettur illum Supretendent Keith Arnaud, għandu jwieġeb l-intimat Kummissarju tal-Pulizija bħala leġittimu kontradittur, u għalhekk tqis li l-Ispettur illum Supretendent Keith Arnaud għandu wkoll jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju.

*<u>It-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati</u>*

10. Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari tagħhom, l-intimati jikkontendu illi in kwantu l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali garantiti bil-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali [minn issa 'l-Konvenzjoni Ewropea'], ir-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali stante illi qiegħed jadopera proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna, meta kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretiżi minnu. L-intimati jikkontendu li r-rikorrent kellu kull possibilità li jekk fil-fehma tiegħu għandu informazzjoni li tipponta lejn twettiq ta' reat minn xi persuna partikolari, huwa għandu l-possibbilità li dwar dan jagħmel rapport speċifiku lill-Pulizija, u anke li jirrikorri għall-proċedura taċ-*'challenge'* kif provdut bl-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali [il-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta], f'każ illi l-Pulizija ma taqbilx li jistgħu jittieħdu passi. L-intimati għalhekk jeċepixxu n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrent, u l-intimati jistiednu lill-Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni konvenzjonali kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-*proviso* għall-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta] u, okkorrendo, tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [hawnhekk 'il-Kostituzzjoni'].

11. Illi l-*proviso* għall-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta[6] jgħid eżattament:

> "Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra."

12. Sabiex tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha taħt il-Konvenzjoni jew taħt il-Kostituzzjoni, bħala Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali, hija trid tkun sodisfatta li jeżistu mezzi xierqa ta' rimedju ossija rimedju effettiv, sabiex jiġi ndirizzat l-allegat ksur, u dan għandu jirriżulta b'mod fattwali u oġġettiv. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha.[7] Fejn l-imsemmija disposizzjonijiet tal-liġi jgħidu illi l-Qorti tista' tiddeċiedi li tiddeklina l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel", evidentement fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni, il-Qorti trid tkun imnebbħa biss mill-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, billi żżomm quddiem għajnejha żewġ konsiderazzjonijiet importanti, fejn min-naħa l-waħda qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali m'għandhomx jiġu rinfaċċjati b'kawżi kostituzzjonali bla bżonn, liema kawżi setgħu jew messhom tressqu quddiem qrati oħra kompetenti, u min-naħa l-oħra, biex persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn ġenwinament tkun qed tfittex li tingħata rimedju kostituzzjonali.[8] Fejn hemm abbuż tal-proċess kostituzzjonali, il-Qorti

---

[6] L-istess diċitura hija użata fil-*proviso* għas-subartikolu 2 tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

[7] **Ivan Gerald Zammit vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et**, P.A.(Kost.), 04.08.2016; **Olena Tretyak *vs.* Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs**, P.A. (Kost), 16.01.2016.

[8] **Mediterranean Film Studios Limited *vs.* Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et**, Q.K., 31.10.2003.

tista' twaqqaf ħesrem dak l-abbuż, iżda min-naħa l-oħra għandha timpedixxi li jiġu maħluqa ostakoli bla bżonn fit-triq ta' min ikun jidher li ġenwinament ikun qiegħed ifittex rimedju kostituzzjonali jew konvenzjonali.[9]

13. Illi fejn il-*proviso* għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* għall-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni jagħmlu riferiment għal *'mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat'*, dan għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat.[10] M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, għaliex ikun biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.[11]

14. Illi kif ingħad fis-sentenza suċċitata fl-ismijiet **Ivan Gerald Zammit *vs.* Il-Kummissarju tal-Pulizija** et:

> *"Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalità, inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent*

[9] Charles Paul Muscat *vs.* Kummissarju tal-Pulizija, P.A.(Kost.), 30.09.2014.
[10] **Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et**, Q.K. 05.04.1991.
[11] Clifton Borg *vs.* Kummissarju tal-Pulizija, Q.K., 09.03.1996.

*- minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent [fn. 20 P.A. (Kost.) VDG 9.2.2000 fil-kawża fl-ismijiet* ***Victor Bonavia vs L-Awtorità tal-Ippjanar et****]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni [fn. 21 Ara Kost. 7.3.1994 fil-kawża fl-ismijiet* ***Vella vs Bannister et*** *(Kollez. Vol: LXXVIII.i.48) u Kost. 12.12.2002 fil-kawża fl-ismijiet* ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et****; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fi-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali [fn 22 P.A. Kost 29.10.1993 fil-kawża fl-ismijiet* ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija****]."*

15. Illi l-kwistjoni li trid tiġi eżaminata u determinata bit-tieni eċċezzjoni mogħtija mill-intimati, hija jekk ir-rikorrent kellux mezzi oħrajn għad-disposizzjoni tiegħu biex ifittex rimedji xierqa, effettivi u adegwati qabel ma ressaq it-talbiet tiegħu quddiem din il-Qorti. L-intimati eċċepew illi r-rikorrent kellu kull possibilità li jekk fil-fehma tiegħu kellu informazzjoni li tippunta lejn twettiq ta' reat minn xi persuna partikolari, huwa għandu l-possibilità li jagħmel rapport speċifiku lill-Pulizija dwar dan u anke li jadopera l-proċedura taċ-*'challenge'* kif ipprovdut bl-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali dwar dan, f'każ illi l-Pulizija ma taqbilx li jistgħu jittieħdu passi.

16. Skont l-artikolu 541 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

"Jekk, fil-każijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-Pulizija Eżekuttiva, din ma tkunx trid taġixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt, il-persuna li tkun għamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Maġistrati li jiġi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proċeduri meħtieġa; u jekk il-qorti, wara li, meta jinħtieġ, tisma' l-provi li jġib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li *prima facie* hemm lok għad-denunzja, rapport jew kwerela, għandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-reġistratur, lill-Kummissarju tal-Pulizja bl-ordni li tagħti għaldaqshekk."

17. Il-Qorti tosserva illi la fis-sottomissjonijiet bil-miktub u lanqas fis-sottomissjonijiet *viva voce* tar-rikorrenti, din it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati bl-ebda mod ma ġiet indirizzata, wisq inqas ikkontestata. Fit-tielet paragrafu tar-rikors promotur, jingħad illi *"r-rikorrent, **b'mod informali**, għadda informazzjoni lill-Pulizija, liema informazzjoni hija inkriminanti fil-konfronti ta' Keith Schembri, l-ex Chief of Staff fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru ta' Malta".* F'dan ir-rigward ir-rikorrent *ex admissis* ma għadda l-ebda informazzjoni b'mod formali lill-Pulizija, billi ma għamel l-ebda denunzja, rapport jew kwerela fir-rigward tal-informazzjoni "inkriminanti" li allegatament kellu fil-konfront ta' Keith Schembri. Għal kuntrarju l-infomazzjoni li r-rikorrent għadda 'b'mod informali' lill-Pulizija, ingħatat f'żewġ verżjonijiet konfliġġenti u kontradittorji, skont jekk kienx qabel jew wara li ġew irrifjutati t-talbiet tiegħu għall-Proklama, u skont jekk kienx qabel jew wara li ngħatat il-Proklama lil Melvin Theuma.

18. Il-Qorti tqis illi fil-parametri tal-proċedura taċ-*challenge ai termini* tal-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali, ir-rikorrent kellu rimedju ordinarju xieraq, effettiv u effikaċi, fejn l-informazzjoni allegatament 'inkriminati' li seta' kellu fil-konfront ta' Keith Schembri, setgħet wara li jagħmel rapport, denunzja jew kwerela formali lill-Pulizija, tiġi eżaminata mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, mhux mill-Ispettur Keith Arnaud jew minn xi membru ieħor tal-Korp tal-Pulizija, imma minn qorti indipendenti li għandha s-setgħa li tordna lill-Pulizija tmexxi bl-azzjoni kriminali jekk il-Pulizija Eżekuttiva ma tkunx trid taġixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela li tkun saret dwar l-allegat delitt. Dak iċ-*challenge* jista' jissarraf f'ordni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, li tkun qieset jekk ir-rapport, il-kwerela jew id-denunzja *prima facie* hemmx lok li jistgħu jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-persuna hekk rapportata, denunzjata jew kwerelata, u l-ordni tkun biss biex il-Pulizija tmexxi skont ir-

rapport, denunzja jew il-kwerela li tkun saritilha.[12] L-ordni tista' tkun kemm favur it-talba u kif ukoll biex tiċħadha, u l-liġi ssemmi wkoll proċedura kif ordni bħal dik tista' tiġi appellata.[13]

19. Għalkemm l-Istat m'għandux jistrieħ fuq 'il-vittma' biex imexxi l-investigazzjoni permezz tal-proċedura taċ-*challenge,* u biex ikun hemm ġudizzju indipendenti, u minkejja li dejjem jinkombi fuq l-Istat biex iwettaq investigazzjoni indipendenti u effettiva f'kull allegazzjoni ta' reat li seta' ġie kommess, f'każ li jiġi ppruvat li seta' kien hemm xi verità fl-allegazzjonijiet rappurtati, denunzjati jew kwerelati dwar nuqqasijiet fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija, il-proċedura taċ-*challenge* tista' twassal biex l-individwi kkonċernati jitressqu għall-ġudizzju tal-Qorti Kriminali.[14] Din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-proċedura taċ-*'challenge'* kif provduta bl-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali, għandha titqies bħala rimedju ordinarju li r-rikorrent kellu jirrikorri għalih u jeżawrixxi qabel ma jirrikorri għal proċeduri kostituzzjonali jew konvenzjonali. Illi għalhekk il-Qorti tqis li għandha tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni konvenzjonali u kostituzzzjonali tagħha *ai termini* tal-*proviso* għall-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u tal-*proviso* għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, 'il għaliex ir-rimedju indikat mill-intimati taħt l-artikolu 541 tal-Kap. 9 għandu jitqies li huwa rimedju xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-allegat ksur jew theddid ta' ksur li minnu qiegħed jilmenta r-rikorrent. Tqis ukoll li l-imsemmi rimedju jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi għar-rigward tal-allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent. Konsegwentement din l-eċċezzjoni preliminari għandha tiġi milqugħa.

[12] Adrian Busietta *vs.* Avukat Ġenerali et, P.A.(Kost.), 19.05.2005.
[13] L-artikolu 541(3) tal-Kap. 12.
[14] Charles Paul Muscat *vs.* Kummissarju tal-Pulizija, P.A.(Kost.), 28.06.2018.

**<u>Decide</u>**

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:**

**(1) Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati u tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-intimati Avukat tal-Istat, Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali, u s-Supretendent Keith Arnaud fil-vesti personali tiegħu;**

**(2) Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati u tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skont il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għar-raġuni li r-rikorrent għandu rimedju ordinarju mogħti lilu mil-liġi li jista' jinqeda bih qabel ma jdur għall-proċedura bħal fil-kawża tallum.**

**(3) In vista li qed tiġi milqugħa t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati, ma tqisx li għandha għalfejn tiddeċiedi dwar t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimati u dwar l-eċċezzjonijiet tal-intimati dwar il-mertu, u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawża.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri huma a karigu tar-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**